MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ABIGAIL LOFARO**

Seduta tat-13 ta' Gunju, 2012

Rikors Numru. 187/2012

AB

vs

CB

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu ir-rikorrenti ippremettiet:

Illi l-partijiet izewgu fil-hmistax (15) ta' Ottubru tas-sena elf disa' mija u seba u tmenin (1987);

Illi l-partijiet huma l-genituri ta' tlett itfal u cioe' X ta' 31 sena, Y ta' 23 sena u Z ta' 20 sena, ilkoll maggorenni;

Illi l-kondizzjonijiet mehtiega ghad-divorzju elenkati fl-Art 66B u 66D tal-Kap. 16 huma sodisfatti stante :

- Illi l-partijiet ilhom ma jghixux flimkien minn Mejju tas-sena elfejn u tlieta (2003), u ilhom legalment separati b'kuntratt ricevut minn Nutar Pierre Cassar fis-16 ta' Jannar elfejn u erba (2004) (Dok A);
- Illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom stante illi minbarra li ilhom ghal aktar minn tmien (8) snin mifrudin, illum ghandhom hajja totalment separata;
- Illi a tenur tal-kuntratt ta' separazzjoni fuq imsemmi, il-partijiet irrinunzjaw reciprokament ghad-dritt illi jitolbu u jircievu manteniment minghand xulxin;
- Illi ghal dak illi jirrigwarda t-tfal a tenur tal-klawsola - vis it-tfal(1) tal-kuntratt ta' separazzjoni l-obbligu tal-partijiet viz-a jibqa jissusisti anki wara illi jsiru tal-eta u hekk ghadu fil-konfront tat-tifel S;

Illi ai fini tal-Art 66N (1) (a) u (b) jigi dikjarat li l-partijiet huma domiciljati f'Malta u jghixu Malta;

Talbet li l-intimat ighid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex ai termini tal-Art 66A et seq. tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta:

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg li sar bejn il-partijiet fil-hmistax (15) ta' Ottubru tas-sena elf disa' mija seba u tmenin (1987);
2. Tordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex fiz-zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju u l-hall taz-zwieg tal-partijiet biex dan jigi debitament registrat fir-Registru Pubbliku;
3. Tordna illi r-rikorrenti tirriverti ghal kunjom xbutitha Joanna Gatt;

Rat ir-risposta tal-intimat, li *in forza* taghha huwa iddikjara:

Illi biha ma jopponix ghat-talbiet kif dedotti fir-rikors promotur ta' Joanna Cremona;

Rat id-digriet taghha tat-13 ta' April, 2012;
Rat id-dokumenti kollha li gew esebiti;

Semghet lir-rikorrenti tixhed;

L-intimat debitament notifikat la ipprezenta risposta u lanqas deher ghal dawn il-proceduri;

Semghet lil Edwin Saliba jixhed;

Rat l-Artikolu 66 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul; u peress illi ippruvat illi l-partijiet ilhom legalment separati mis-16 ta' Jannar, 2004;

Illi gie ippruvat ukoll illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet;

Illi ir-rikorrenti ippurvat illi, a tenur tal-kuntratt ta' separazzjoni, il-partijiet kienu irrinunzjaw reciprokament ghad-dritt illi jitolbu, jew jircievu manteniment minghand xulxin;

Illi r-rikorrenti ippruvat ukoll illi ghar-rigward tat-tfal, a tenur tal-kuntratt ta' separazzjoni, l-obbligu tal-partijiet viz-a-viz it-tfal jibqa jissussisti anke wara illi t-tfal ikunu maggorenni;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tawtorizza lir-rikorrenti tirriverti ghal kunjom xbubita Gatt, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet sabiex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez ikunu bla taxxa bejn il-partijiet;

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------